Minuti tat-tlieta u sebgħin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali għall-Gudja msejħa b'urġenza u li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar il-Ġimgħa 16 ta' Settembru 2016 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillier | Mark Anthony Sammut |
| | Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ | Sarah Camilleri |
| | Aġent Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |
| | *Corporate Services* | |
| | *Executive Manager* | Joseph M. Formosa |
| Skużati: | Kunsilliera | Demelsa Grech u Stefan Caruana |

**Aġenda:**

1. Faċilitajiet sanitarji fil-Librerija G. Zammit kif approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar

2. Għeluq

**Ftuħ tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa, il-Kunsill ġie infurmat illi Sa Grech u s-Sur Caruana ma setgħux jattendu minħabba li kienu indisposti u talbu li jiġu skużati. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li Sa Grech u s-Sur Caruana jiġu skużati għal kull buonfini ta' liġi u proċedura u li din assenza tiġi konsiderata valida li ma ttellifx il-ħdim tal-onorarja kif kontemplata fil-liġi.

**1.0 <u>Faċilitajiet sanitarji fil-Librerija G. Zammit kif approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar</u>**

1.1 Il-Kunsill ġie infurmat illi kemm Sa Grech kif ukoll is-Sur Caruana qablu u kkonfermaw li jaqblu kompletament ma' din il-proposta.

1.2 Is-Sindku ta informazzjoni għaliex ħass li kellu jilqa' t-talba tal-Viċi Sindku li din il-laqgħa tissejjaħ b'urġenza u talab lis-Sur Baldacchino jkompli jindirizza lill-Kunsill dwar l-għan u l-ħtieġa li fil-bini tal-Librerija fejn ukoll qiegħed jopera l-Kunsill b'mod temporanju, ikun hemm faċilitajiet sanitarji.

1.3 Deċiżjoni. B'mod unanimu l-Kunsill qabel ma' din il-proposta u peress li dawn il-faċilitajiet diġà ġew approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar, il-Kunsill jipproċedi bix-xogħol meħtieġ billi jsib l-kuntratturi li jkunu jistgħu jagħmlu x-xogħol meħtieġ mill-aktar fis possibbli.

1.4 Il-Kunsill qabel u approva li jalloka l-fondi u finanzjament għal dan ix-xogħol kif ikun meħtieġ.

**2.0 Għeluq tal-laqgħa**

2.1 Ġbir ta' ħwejjeġ għar-riċiklaġġ. Bil-permess u bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti l-Kunsill qabel mal-proposta oħra tas-Sur Baldacchino li jitpoġġew tliet skips f'postijiet diversi; waħda ħdejn il-kaxxa tal-affarijiet tal-posta biswit Ġnien R. Caruana, l-oħra fil-Housing Estate tal-Mitħna u l-oħra fl-inħawi tax-Xlejli.

2.2 Ġbir ta' skart goff. B'sogħba kbira l-Kunsill ġie infurmat bil-mewt għal għarrieda tas-Sur Daniel Cutajar li kien qed jaġixxi għall-kuntrattur tal-ġbir ta' skart goff. B'mod unanimu u b'mod temporanju l-Kunsill qabel li dan l-iskart goff jinġabar direttament mill-Kunsill peress li dan huwa fl-aħjar interess tal-Kunsill sabiex iħares l-ambjent.

**Għeluq**

Peress li l-materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fis-6.45pm sine die.

| | | |
|---|---|---|
| J Ranier Busuttil | Joseph M. Formosa | John Mary Calleja |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | *Corporate Service Executive Manager* | Sindku |

Data: ____________________